**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 135/13VG**

**XXX**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

**Illum 9 ta' Mejju 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fit-30 ta' Lulju 2013 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra tieghu mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) ghas-sena ta' stima 2006, inkluz is-sorte, l-imghax u taxxa addizzjonali; bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxi Interni);

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "DG01" sa' Dok. "DG03b" a fol. 2 sa' 6 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra tieghu ghas-sena ta' stima 2006 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, u minflok l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tigi kkonfermata;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) markati Dok. "GB1$_1$" sa' Dok. "GB22$_4$" a fol. 26 sa' 107 tal-process;

Ra d-Digriet datat 29 ta' Jannar 2015 a fol. 123 sa' 126 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Michèle Xuereb in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2015[1] u ra l-affidavit ta' l-istess Michèle Xuereb in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "KT1A" sa' Dok. "KT14" esebiti permezz ta' Nota pprezentata fis-6 ta' Lulju 2015 a fol. 131 sa' 23 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

[1] Fol. 129 u 130 tal-process.

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra tieghu mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) ghas-sena ta' stima 2006 permezz ta' liema kien qed jigi mitlub ihallas is-somma ta' €64,798 bhala taxxa, oltre taxxa addizzjonali w imghax[2], liema ammont gie mnaqqas ghal €56,021 bhala taxxa, oltre taxxa addizzjonali w imghax[3], in segwitu ghall-oggezzjoni tar-Rikorrent mill-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa. Ir-Rikorrent jikkontendi li: (i) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' Stima 2006 u Avviz ta' Rifjut ma nhargux "properly", "reasonably" u "fairly"; (ii) il-Likwiazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2006 inharget *fuori termine* a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) il-kalkoli tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) huma ghal kollox zbaljati u bazati fuq premessi hziena; (iv) ma nghatax smigh xieraq fl-istadju ta' l-oggezzjoni; u li (v) ir-rapport taxxa ipperikolata/multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità u ghaldaqstant jitlob li l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tigi mhassra u revokata, inkluz is-sorte, taxxa addizzjonali w imghax.

Id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2006 u jitlob li l-istess jigi michud filwaqt li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tigi kkonfermata stante li: (i) ma huwiex minnu li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2006 u l-Avviz ta' Rifjut ma nhargux "properly", "reasonably" u "fairly"; (ii) peress illi r-Rikorrent issottometta l-formola tat-taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2006 fit-30 ta' Settembru 2010, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni ma hijiex preskritta stante li nharget entro t-terminu ta' hames snin minn tmiem is-sena li fiha ir-Rikorrent issottometta l-formola tat-taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2006 u dan ai termini ta' l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372; (iii) il-kalkoli li fuqhom hija bbazata l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2006, liema kalkoli gew spjegati fir-Risposta tieghu ghal dan l-appell, huma bbazati fuq fatti jew fuq provvedimenti tal-Ligi; (iv) ir-Rikorrent inghata kull opportunità jipprezenta il-verzjoni tieghu ta' kif graw il-fatti kemm fl-istadju ta' verifika kif ukoll fl-istadju ta' oggezzjoni u bl-ebda mod ma jista' jallega li id-Direttur Generali (Taxxi Interni) ma tahx smigh xieraq, anzi kien l-istess Rikorrent li ma kkolaborax mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni; u (v) it-taxxa perikolata nhadmet abbazi tar-rati ta' taxxa li huma applikabbli ghal kull individwu residenti f'Malta u l-multi amministrattivi w imghax huma bbazati fuq il-provvedimenti tal-Ligi fir-rigward.

Waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2015[4], id-difesnur tar-Rikorrent talab li ladarba l-kaz in kwistjoni jinvolvi penali amminsitrattivi li huma ta' natura ta' piena ai fini ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet ta' Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jkun hemm l-inverzjoni tal-provi w ulterjorment li in vista tal-kumplessità tal-kaz, l-element *cross-border* u l-elementi ta' investigazzjoni kriminali, jigu esebiti fl-atti l-files tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattivi ghar-Rikorrent. Id-Direttur Generali (Taxxi Interni) oppona ghal din it-talba stante li fil-kaz in ezami l-multa amministrattiva ghadha ma gietx stabbilita stante li ghadha

[2] Dok. "DG01" a fol. 2 tal-process.
[3] Dok. "DG03a" u Dok. "DG03b" a fol. 5 u 6 tal-process.
[4] Fol. 121 tal-process.

lanqas ma giet stabbilita b'mod definittiv it-taxxa dovuta u kwalunkwe multa amminsitrattiva qual' volta dovuta tinhadem a bazi tat-taxxa dovuta u fi kwalunkwe kaz tali kwistjoni se mai ghandha tigi determinata mill-Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk ma hemmx lok ghall-inverzjoni tal-provi w in kwantu rigwarda l-esibizzjoni tal-files tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattivi ghar-Rikorrent, il-minuti kontenuti fil-file huma privileggjati u b'hekk ma jistghux jigu esebiti.

B'Digriet moghti fid-29 ta' Jannar 2015[5], it-Tribunal astjena milli jiehu konjizzjoni tat-talbiet avvanzati mir-Rikorrent waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2015 u rriserva li jippronunzja ruhu fir-rigward iktar 'l quddiem, senjatament wara li jigi trattat u deciz l-aggravju tar-Rikorrent li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2006 inharget *fuori termine*. Fid-dawl ta' tali Digriet ghalhekk gie deciz li jigi trattat l-imsemmi aggravju sollevat mir-Rikorrent u din id-decizjoni hija effettivament limitata ghal tali aggravju.

Kif già iktar 'l fuq osservat ir-Rikorrent jikkontendi li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2006 inharget *fuori termine* a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. Jibda biex jigi osservat li l-artikolu tal-Ligi rilevanti w applikabbli fil-kaz in ezami huwa l-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux l-Artikolu 30 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi peress illi hawn si tratta ta' sena ta' stima sussegwenti ghas-sena 1999.

A tenur ta' l-Artikolu 31(5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta *meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li t-taxxa li ghandha tithallas minn persuna ghas-sena ta' stima 1999 jew ghal xi sena ta' stima sussegwenti tkun giet determinata f'ammont inqas minn dak li kellu jigi ntaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospetti, kotba jew provi ohra, jekk ikun hemm, li jistghu jingiebu quddiemu jew jinkisbu minnu, skond l-ahjar gudizzju tieghu, jaghmel stima ta' l-income taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li ghandha tithallas fuqu u t-taxxa li ghandha tithallas, jew li ghandha tithallas lura lil dik il-persuna ghal dik is-sena ta' stima, u meta l-Kummissarju wara li jkun ghamel stima jkun tal-fehma li xi taxxa tkun giet stmata f'ammont inqas minn dak li kellu jigi intaxxat huwa jista', bl-istess mod, jaghmel stima jew stimi addizzjonali…* A tenur ta' l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta *stima jew stimi addizzjonali ghall xi sena ta' stima taht is-subartikolu (5) ghandha ssir jew ghandhom isiru mhux iktar kmieni miz-zmien preskritt taht l-Artikolu 10(1) sabiex jintbaghat il-prospett ta' l-income ghal dik is-sena* ***u mhux iktar tard minn hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbaghat prospett ta' l-income jew prospett ulterjuri ghal dik is-sena jew li fiha tkun saret ghazla taht l-Artikolu 12 ghal dik is-sena***[6].

Fl-affivadit taghha Michèle Xuereb, li xehdet fil-kwalità taghha ta' rapprezentat tal-Kummissarju tat-Taxxi, già Direttur Generali (Taxxi Interni)[7],

---

[5] Fol. 123 sa' 126 tal-process.
[6] Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.
[7] Fol. 132 u 133 tal-process.

iddikjarat li r-Rikorrent issottometta l-formola ta' taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2006 fit-**30 ta' Settembru 2010**. A bazi ta' hekk id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jikkontendi li ladarba il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2006 inharget fil-konfront tar-Rikorrent fis-sena **2011,** jsegwi li l-istess inharget entro t-terminu ta' hames snin minn tmiem is-sena li fiha t-*taxpayer* ikun baghat il-prospett ta' l-income tieghu ghas-sena ta' stima in kwistjoni previst fil-Ligi. Fl-affidavit taghha Michèle Xuereb iddikjarat ulterjorment illi *gejt infurmata li l-procedura gewwa d-Dipartiment m'ghadhiex tinkludi l-ittimbrar tad-data ta' meta jigu mwassla l-formoli tat-taxxa kemm bil-posta kif ukoll bl-idejn. Illi din il-procedura ilha fis-sehh ghal bosta snin stante li l-imsemmija data issa qieghda tiddahhal direttament fis-sistema elettronika ta' l-istess Dipartiment. Illi din is-sistema ma tipprekludix lit-taxpayer li jibghat dawn l-istess formoli bil-posta rregistrata jekk ikun irid jaccerta ruhu li tali formoli jkunu walsu gewwa d-Dipartiment u fliema data dawn twasslu.*

Ghalkemm skond Michèle Xuereb id-Dipartiment tat-Taxxi ghandu *record* ta' meta ir-Rikorrent issottometta l-formola tat-taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2006, ghal xi raguni tali *record* ma giex ipprezentat. Madanakollu però t-Tribunal josserva li fuq il-formola tat-taxxa ghas-sena ta' stima 2006[8] ir-Rikorrent nizzel bhala d-Data tad-Dikjarazzjoni s-**16 ta' Settembru 2010**[9], li jfisser ghalhekk li dik il-formola tat-taxxa ma setghetx giet sottomessa qabel id-data tad-dikjarazzjoni, ossia qabel is-16 ta' Settembru 2010. Apparte minn hekk ir-Rikorrent ma ressaq l-ebda prova li seta' issottometta l-formula tat-taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2006 qabel id-data hemm indikata, jew ta' l-inqas qabel Settembru 2010.

Apparte dan, mill-atti processwali jirrizulta li r-Rikorrent gie notifikat bil-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2006 fit-**28 ta' April 2011**, u dana kif dikjarat minnu stess fl-ittra ta' oggezzjoni tieghu datata 28 ta' April 2011, esebita bhala Dok "DG02b" a fol. 4 tal-process. Fl-imsemmija ittra, li tirreferi ghal *Y/A 2004/2009 Claim Nos. 3361768/3361772 and 3361775*, ir-Rikorrent espressament jafferma li *without prejudice I would state that the above assessments were placed in my letter box TODAY* (ossia 28 ta' April 2011) *and no date was on the envelope.*

Meta tali fatti jigu kkunsidrati fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, iktar 'l fuq citat, jirrizulta b'mod ovvju li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2006 inharget u giet notifikata lir-Rikorrent entro t-terminu ta' hames snin previst fil-Ligi u konsegwentement ghalhekk, kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Rikorrent, l-istess Likwidazzjoni ta' Taxxa ma nhargitx *fuori termine*.

---

[8] Dok. "KTIC" a fol. 142 u 143 tal-process.
[9] Fol. 142 tal-process.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta l-aggravju tar-Rikorrent fis-sens illi l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2006 inharget *fuori termine* a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-aggravju tar-Rikorrent fis-sens illi l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2006 inharget *fuori termine* a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-meritu.

L-ispejjez relattivi ghal din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

A tenur ta' l-Artikolu 34(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaghti avviz lir-Rikorrent bid-dritt tieghu li jappella minn din id-decizjoni ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 231 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**